MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 138/2003

**Avviz Nru 138/03DM**

**Isabelle Darmanin Godano, Robert Godano u Ramon Godano**

**Vs**

**Simon Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attruri talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) jew somma ohra verjuri determinata minn din il-Qorti anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti depozitu lilu imhallas bhala direttur ta' S & D Construction Co. Ltd, kumpanija inezistenti, ghal appalt ta' xoghol fil-fond numru hamsa u ghoxrin (25), Triq Ganni Bonavia, Zabbar, liema appalt gie terminat skond il-ligi stante li t-termini tal-istess appalt ma gewx rispettati u stante qerq da parti tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbidipprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Marzu, 2002, data tal-hlas tad-depozitu, sad-data tal-eventwali hlas ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet fejn il-konvenut eccepixxa illi ;

1) Il-pretensjoni tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-appalt gie esegwit in parti, izda kellu jieqaf hesrem in vista tal-inadimpjenza tal-atturi li ma kienux hadu hsieb jassiguraw il-hrug tal-permessi relattivi meta beda jigi esegwit l-appalt. Sakemm hargu l-permessi x-xoghol ma setghax jitkompla anke minhabba l-maltemp oltre l-fatt li l-eccipjent kien lahaq ikkommetta ruhhu f'xi xoghol iehor, u meta l-esponent kien f'qaghda li jkompli bix-xoghol dan ma setghax isir minhabba li r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti kienu hzienu tant li kien evidenti li l-atturi ma ridux lill-eccipjent li jkompli bl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet.

2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti ;

Rat l-atti kollha tal-process ; u

Ikkunsidrat ;

Kemm mill-eccezzjoni tieghu kif ukoll mid-deposizzjoni moghtija in subizzjoni, il-konvenut mhux qieghed jikkontesta l-fatt illi l-kuntratt ta' appalt li setgha kellu mal-atturi jinsab terminat, izda qed jikkontesta d-dritt tal-atturi illi jitolbu r-rifuzjoni tal-ammont intier tad-depozitu fis-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) billi huwa jallega illi qabel it-terminazzjoni tal-appalt huwa kien diga' esegwixxa parti mix-xogholijiet u ghalhekk ghandu jigu kkompensat ta' dawn l-istess xogholijiet.

Inoltre, ghalkemm il-konvenut ipprometta illi huwa jesebixxi prospett dwar ix-xogholijiet li jallega li ghamel u li jindika l-valur rispettiv ta' dawn ix-xogholijiet huwa naqas li jipproduci provi dwar dak li qed jippretendi u mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta illi fl-iskrittura tas-17 ta' Marzu, 2003, l-istess konvenut kien ikkwantifika l-ammont, li fih jippretendi li kellu jigi kkompensat fis-somma ta' sitt mitt lira (Lm600).

Pero' kif jirrizulta mid-deposizzjoni tal-attrici Isabelle Darmanin Godano il-konvenut kien ippretenda illi jzomm sitt mitt lira (Lm600) mill-ammont ta' depozitu a bazi ta' allegazzjoni illi huwa kien ghamel hlas lill-impjegati tieghu f'dan l-ammont. Izda rrizulta li effettivament huwa ma kien ghamel ebda tali pagament.

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' ebda prova dwar l-estensjoni tax-xogholijiet li l-konvenut jallega li ghamel, u dwar x'beneficcju setghu rrikavaw l-atturi minn dawn ix-xogholijiet, u tenut kont ukoll tal-fatt illi kull ammont li setgha gie mhallas lill-konvenut personalment kien indebitu billi huwa ma kellu ebda relazzjoni personali ma' l-atturi, l-atturi ghandhom id-dritt illi jitolbu r-rifuzjoni tal-ammont intier imhallas minnhom lill-istess konvenut.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata w'timmerita konferma u l-Qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi, ghar-ragunijiet premessi fl-avviz, is-somma mitluba ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-4 ta' Marzu, 2003, id-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas tal-imghax;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------